**KUNSILL LOKALI San Pawl il-Baħar**

*San Pawl il-Baħar Local Council*

*Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 – Malta.*
*Tel: 21585888, 21585801, 21570869/70*
*Mobile: 99433058 Fax: 21583058*
*E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt*
*Web Site: www.stpaulsbay-online.com*

**Minuti tal-Sitta u Tletin (36) Laqgħa tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret , Il-Ħamis 20 ta' Jannar, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv ta' l-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.**

Il-Laqgħa bdiet fis-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skuzat | |
| Kunsillier Alfred Grima | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 8.30.pm |
| Kunsillier Alexander Bezzina | 5.30 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.30p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.55 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 5.30 p.m. | 8.20p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | 5.45 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.50 p.m. | 8.30p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 8.30p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għall-laqgħa.

**1.00 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Ħamsa u Tletin (35) Laqgħa tal-Kunsill li saret fis-16 ta' Dicembru, 2010.**

1.01 Il-minuti tal-Laqgħa 35 li saret fis-16 ta' Dicembru ġew approvati unanimament mingħajr korrezzjonijiet u ġew iffirmati.

1.02 Is-Sindku ppreponiet li jiġu moqrija wkoll il-minuti tal-Laqgha b'Urgenza li saret fil- 11 ta' Frar, 2011. Il-Kunsillier Peter Abela ssekonda il-proposta. Sar qbil unanimu li dawn jiġu mittieħda bħala moqrija. Il-minuti ġew approvati mingħajr ebda korrezzjoni u ġew iffirmati.

**2.00(a) Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa Nru (35) tal-20 ta' Diċembru 2010.**

2.01 Dwar Para. 5.00 - Publikazjoni tal-Magazine tal-Kunsill. - Is-Sindku qalet li s-Sur Muscat li kien ser jieħu ħsieb jiġbor ir-reklami kien informa li mhux ser jagħmel dan ix-xogħol u għalhekk il-publikazzjoni tal-magazine kienet ġiet postposta għal Marzu u kien ser isir sforz mis-Segretarju u minn membri tal-istaff tal-Kunsill biex jinġabru r-reklami.

2.02 Dwar Para. 6.00 - Kuntratt ta' Resurfacing ta' Toroq taħt l-iskema tal-PPP. - Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kien importanti li jsir programm tax-xogħol u lista ta' prioritajiet ta' liema toroq ser isiru l-ewwel.

2.03 Dwar Para. 8.00 - Ġie approvat li l-Kunsillier Raymond Tabone li qabel kien indispost, jerġa jieħu postu minflok il-Kunsillier Jason Camilleri fuq is-sotto-kumitat tal-Proġett tal-Thalassalejn Boċċi Club.

2.04 Dwar Para. 11.02 Il-Kunsillier Alex Bezzina staqsa jekk fi Triq Ruġġieru Loria, Qawra, kien ghadhom ma sarux il *parking bays* u it-tindif li hemm bżonn isir.

**2.00(b) Punti li joħorġu mill-Minuti tal-Laqgħa B'Urġenza tal- 11 ta' Frar 2011.**

2.01(b) Ma kienx hemm punti mqajma.

**3.00 Korrispondenza u Komunikazzjonijiet**

3.01 Ġiet imqassma lista tal-korrispondenza li kien fiha 18-il *item*. Id-deċiżjonijiet kollha dwar din il-lista ta' Korrispondenza u Komunikazzjonijiet tinsab fil-lista annessa ma' dawn il-minuti.

3.02 Dwar Tismija ta' Toroq, il-Kunsillier Mario Camilleri talab li jiġi ffurmat sotto-kumitat sabiex jipproponi lista ta' ismijiet għal toroq ġodda.

3.03 Dwar Memo 95/2011 - Approvazjoni ta' attivita' 'Wignacourt Festival' taħt l-Iskema dwar Inizjattivi 2011 - Ġie appuntat il-Kunsillier Frank Gauci biex flimkien mas-Sindku u l-Kumitat tal-Festa SPB jieħu ħsieb l-organizazzjoni ta' din l-attivita'.

3.04 Il-Kunsillier u Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad staqsa għaliex il-fondi ta' Euro 3,000 għall-attivita' Festa Bdiewa ta' Burmarrad mill l-"Skema Dwar Inizjattivi 2011" ma ngħatawx lill-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad direttament u mhux lill-Kunsill u talab li tinkiteb ittra lid-Dipartiment f'dan is-sens.

3.05 Dwar korrispondenza mill-Awtorita tad-Djar dwar skema għal riġenerazzjoni f'oqsma tad-djar tal-gvern, ġie maħtur sotto-kumitat sabiex jirrakkomanda proposti. Dan is-sotto-kumitat hu magħmul mill-Kunsilliera Peter Abela, Mario Camilleri, u Frank Gauci.

3.06 Dwar ittra mingħand is-Sur James Catania mid-Dipartiment tal-Kunsilli b'risposta għat-talba ta' l-impjegata Josette Vella għal arretrati, il-Kunsillier Raymond Tabone talab li dan is-suġġett jerġa jiġi diskuss f'laqgħa oħra wara li jiġu kkonsultati l-minuti tal-passat dwar din l-impjegata. Il-Kunsillier Alfred Grima qal li kien hemm referenza għal dan is-suġġett fil-minuti ta' Kunsill preċedenti.

3.07 Dwar talba mill-Kulleġġ Maria Reġina, Skola Primarja SPB, għall-kontenituri żgħar għal żibel riċiklabbli, il-Kunsillier Alfred Grima ippropona u ġie approvat li dawn il-kontenituri jitpoġġew iżda bil-kundizzjoni li dawn jibqgħu propjeta tal-Kunsill. Is-Sindku Graziella Galea ipproponiet u ġie approvat li Green Mt għandhom jintalbu jpoġġu dawn il-kontenituri.

3.08 Inqrat ittra mingħand Thalassalejn Boċċi and Social Club, SPB.

F'dan il-ħin (bejn 6.45pm u 6.52pm) is-sedja għaddiet għal Kunsillier l-aktar anzjan is-Sur Mario Camilleri, waqt li s-Sindku ħarġet mill-kamra għal 7 minuti.

Il-Kunsillier Mario Zerafa talab li jittieħdu passi bil-puluzija kontra l-aġir tal-President tat-Thalassalejn Boċċi Club u talab li huwa għandu jingħata l-appoġġ tal-Kunsill għaliex huwa kien ġie attakkat personalment.

Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li ssir laqgħa apposta sabiex jiġi diskuss dan is-suġġett. Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea qalet li kien hemm maħsub li ssir din il-laqgħa.

Il-Kunsillier Peter Abela qal li għandha tintalab apoloġija mingħand it-Thalassalejn Boċċi Club. Talab ukoll li l-Kunsillier ikkonċernat jagħmel rapport u dan jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li kemm il-Kunsillier kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv kienu Uffiċjali Pubbliċi u għalhekk daki li seħħ kien inċident serju li għandu jiġi investigat sew.

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li dan l-inċident kien qed jiġi mkabbar apposta biex finalment il-proġett ma' jsirx.

Is-Sindku, il-Perit Graziella Galea, filwaqt li kkundannat kull tip ta' aġir vjolent li sar jew jista jsir kontra kunsilliera, s-Segretarju Eżekuttiv u mpjegati tal-Kunsill, il-Kunsill għandu jimxi mad-deċiżjonijiet li ġa ttieħdu dwar dan il-proġett sakemm il-Kunsill ma jiddecidiex mod ieħor u li għalhekk għandu jkompli jaħdem biex isir dan il-proġett.

3.09 Dwar Ittra Nru. 18 –Mepa Application PC 04/10 mingħand is-Sur Joseph Scalpello (MEPA) – Il-Kunsillier Alfred Grima qal li għandha tibqa l-istess deċizjoni tal-Kunsill li kienet favur ir-residenti ta' dik iż-żona. Huwa qal li dawk li kienu għamlu petizzjoni għadhom qed joġġezzjonaw għal dan l-iżvilupp u għalhekk il-Kunsill għandu jappoġġja lil dawn ir-residenti.

Gie deċiż li l-Kunsill jikteb lill-Mepa sabiex jigi estiz iz-zmien ta' meta l-Kunsill jista' jikkumenta. Risposta lill-MEPA għandha tingħata sa l-aħħar ta' Frar wara li terġa tiġi diskussa din il-kwistjoni mill-Kunsill.

**4.00 Skedi ta' Dħul, Pagamenti u Ordnijiet ta' Xogħol**

4.01 Ġie approvat ir-Rendikont ta' Dħul għax xahar ta' Diċembru kif ippreżentat.

4.02 Ġiet ippreżentata lista ta' Pagamenti għas-somma totali ta' Euro 138,781-42. Pagament lill-Cleansing Department għas-somma ta' Euro 1,263.08 (Cheque No. 12375) ma ġiex approvat. It-total approvat huwa ta' Euro 137,518-34.

4.03 Ġiet approvata lista ta' Ordnijiet ta' Xogħol kif ippreżentata.

**5.00 Laqgħa Ġenerli Annwali.**

5.01 Ġie deċiż li l-Laqgħa Annwali ta' San Pawl il-Baħar issir nhar il-Hadd, 13 ta' Frar, 2011 fis-sala tal-iSkola Primarja.

**6.00 *Performance Bonus* Tal- Impjegati Klerikali.**

6.01 Saret diskussjoni dwar il-performance tal-impjegati tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv irraporta li huwa kien qed jirrakkomanda li l-impjegati kollha tal-Kunsill jingħataw il-full *Performance Bonus* għaliex, għajr għal ftit reżistenza fil-bidu ta' meta beda jservi ta' Segretarju Eżekuttiv f'Gunju tal-2010, huwa sab kooperazjoni sħiħa minn dawn l-impjegati li jaħdmu b'entużjażmu u inizjattiva kbira. Huwa, iżda, xtaq li tinkiteb ittra ta' tbeżbiża lill-impjegat William Vella minħabba ċertu nuqqasijiet fix-xogħol tiegħu u reżistenza li jesegwixxi ordnijiet għal tibdil fil-proceduri tax-xogħol. Is- Segretarju Eżekuttiv qal li dan qed jintalab li jsir għall-ġid tal-istess impjegat u kien għalhekk li ma talabx tnaqqis fil-pagament tal-*performance bonus* ta' dan l-impjegat għaliex huwa kien tal-fehma li dawn in-nuqqassijiet kienu ġejjin minn nuqqas ta' esperjenza u nuqqas ta' training. L-impjegat kellu jingħata ċans itejjeb il-*performance* tiegħu mingħajr ma' jiġi dicentivat u mingħajr ma tinħoloq inġustizzja ma' l-impjegati l-oħra.

Ġie approvat unanimament li jingħata l-massimu ta' 6% *performance bonus* lill-impjegati kollha u li tinħareġ l-ittra lill-impjegat Vella kif rikjest mis-Segretarju Eżekuttiv.

F'Dan l-istadju s- Segretarju Eżekuttiv intalab joħroġ mill-Kamra sabiex jiġi diskuss u deċiż il-performance bonus li għandu jingħata lilu. Meta issejjaħ lura, is- Segretarju Eżekuttiv ġie nfurmat li l-Kunsill kien unanimament approva li jirrakkomanda lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Kunsilli li s-Segratarju Eżekuttiv jingħata il-massimu ta' 10% tal-*performance Bonus*. Is-Segretarju Eżekuttiv irringrazja lis-Sindku u lill-Kunsilliera kollha.

**7.00 Mozzjoni Mressqa mill-Proponent il-Kunsillier Mario Camilleri u Ssekondat mill-Kunsillier Martin Zerafa - P.A.0116/07 Latrina Publika Misraħ il-Bajja.**

7.01 Meta il-Kunsill ġie biex jiddiskuti din il-Mozzjoni, il-Kunsillier Proponent, is-Sur Mario Camilleri kien barra l-kamra u għalekk din l-aġenda item ma saritx u għandha tigi diskussa fis-37 laqgħa tal-Kunsill.

**8.00 Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad.**

8.01 Il-Kunsillier Raymond Bartolo qal li l-Kumitat Amministrattiv kien interessat jagħmel proposti għal l-iSkema ta' Riġenerazzjoni ta' l-Oqsma tad-Djar tal-Gvern li hemm f'Burmarrad. Kien qed jiġi propost proġett ta' playing field iżda dan ser isir is-sena d-dieħla għax il-proġett irid iż-żmien biex jiġi ippreparat.

8.02 Huwa qal ukoll li f'isem il-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, huwa kien ser joħroġ stqarrija ta' ringrazzjament lill-Gvern Ċentrali għax-xogħol li sar fit triq prinċipali ta' Burmarrad. Huwa ssuġġerixxa li l-Kunsill Lokali jagħmel l-istess.

8.03 Huwa talab u ġie approvat unanimament li l-bdiewa ta' Sqaq (tar-raba) Għajn Riħana jingħataw 6 vjaġġi ta' 8 yardi l-wieħed konkos biex jirranġaw dan is-sqaq tar-raba.

8.04 Il-Kunsillier Alfred Grima ssuġġerixxa li jsir xi ftehim mal-bdiewa sabiex issir ukoll il-parti tal-pont ta' Triq Burmarrad ħdejn Wied il-Għasel.

**9.00 Aġġornamenti**

9.01 Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li ma kienx ġust li fi Triq Porzjunkola kien hemm xi linji sofor quddiem xi garaxxijiet minħabba li resident ipparkja d-dgħajsa.

9.02 Il-Kunsillier Alex Bezzina qal li fi Triq Lampuki kien hemm vettura mitluqa li kien hemm bżonn titneħħa.

9.03 Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa ried jitkellem dwar il-Proġett Thalassalejn għaliex qal li Euro 120,000 għandhom jintefqu aħjar bħal xogħol ta' bankini u affarijiet aktar bżonjużi.

Il-Kunsillier Alfred Grima qal li dwar dak li qal il-Kunsillier Martin Zerafa fuq l-inċident marbut ma dan is-suġġett, azzjoni kienet ittieħdet diġa.

Il-Kunsillier Raymond Tabone qal li dan il-progett għandu jiġi studjat sew u bis-serjeta'.

Il-kunsillier Matin Zerafa qal li huwa issa kien kontra dan il-proġett għax tal-Klabb issa qed jgħidu li ma humiex ser joħorġu flus iża jagħmlu x-xogħol. Huwa qal li kien ser jikteb lid-Direttur Generali tal-Kunsilli Lokali dwar dan.

Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona li ssir laqgħa immedjatament għax kien wasal biex jiskadi ż-żmien tal-permess tal-Mepa meta jagħlqu l-ħames snin minn meta nħareġ il-permess.

Il-Kunsillier Ray Tabone qal li huwa kien qed jagħti l-appoġġ tiegħu lill-Kunsillier Martin Zerafa għaliex kien inġust li dan jiġi attakkat fiżikament b'dan il-mod u ma' jiġix appoġjat mill-Kunsill. Huwa qal li dwar il-proġett huwa kien jaqbel li l-ewwel il-Kunsill jiddeċiedi u wara issir laqgħa mal-Klabb.

Il-Kunsillier Mario Camilleri enfasizza li l-ftehim kien li l-Kunsill iħallas nofs l-ispejjeż tal-permess tal-Mepa u nofs il-kont tal-perit.

Is-Sindku qalet li dwar dak li qal is-Sur Mario Camilleri dwar li jitħallsu il-kontijiet msemmija minnu nofs bin-nofs, kien hemm deċiżjoni oħra tal-Kunsill li fiha kien deċiż li jiġu investiti Lm50,000 f'dan il-proġett. Barra minn hekk il-Kunsill kien applika għal fondi tal-Urban Improvement Fund għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Mario Camilleri qal li huwa kien jippreferi li jinvesti Lm50,000 (kif kien deċiz dak iż-żmien) mill-fondi tal-UIF f'affarijiet aktar bżonnjużi.

**10.00 Egħluq tal-Laqgħa**

10.01 Peress li kien sar il-ħin is-Sindku issospendiet il-Laqgħa u qalet li għandha titkompla il-Laqgħa nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar, 2011 fil-5.30p.m.

10.02 Qabel ingħalqet il-Laqgħa is-Segretarju Eżekuttiv talab u ngħata permess li jintremew oġġetti mhux meħtieġa jew bil-ħsara li kienu fil-bitħa tal-Kunsill biex din titnaddaf.

Il-Laqgħa aġġornat fit-8.30p.m .

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri

22 ta' Frar 2011

Ref: 55 / 1304 / 11 / OCZ